MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2003

Numru. 17/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Joseph Buttigieg bin Anthony u Mary nee Mizzi li joqghod Nru 126, Triq Patri Guzepp Portelli, Qala, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 56837 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar is-7 ta' Jannar 2003 ghall-habta tas-6:25 a.m. saq vettura (mutur tal-hart) matul Triq l-Imgarr, Xewkija minghajr ma kienet irregistrata mall-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` Kompetenti (2) minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita`

Kompetenti (3) u aktar talli ma kienx kopert b'assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux iktar minn sena.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) u. tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------